# Lezzjoni 8.8 - Bil-komunità nimxu 'l quddiem

**Storja 1**

Ben għandu għaxar snin u ħuh James għandu tlettax-il sena. Dawn ikunu d-dar waħedhom u lil ħuh, James jagħtih xi ħaġa tal-flus biex imur jixtri pakkett ħelu. Fi triqtu, Ben jibda jgħid kemm ħuh għandu qalbu tajba. Iżda kif jasal lura d-dar, Ben jinduna li ħuh ma jkunx id-dar. James ikun diġà ftiehem ma' sħabu biex imorru jilagħbu logħba futbol ġo grawnd fir-raħal tagħhom stess. Ben induna wkoll li James kien tah il-flus biex jiskarta lil ħuh u ħalli ma jkunx jista' jmur jilgħab magħhom. Mhux talli hekk, talli Ben ikollu jibqa' d-dar waħdu.

- Kif taħseb li jħossu issa Ben?
- Taħseb li James tassew kellu qalbu tajba meta ta xi ħaġa tal-flus lil ħuh? Għaliex?
- X'tagħlima nieħdu? (l-intenzjoni hija aktar important mill-att li nwettqu)

**Storja 2**

Waqt il-ħin tal-iskola Katia tmur fuq Sarah u tagħtiha lapes ġdid li fuqu jkollu mpinġija l-kartuns favoriti ta' Sarah. Tgħidilha biex iżżommu għal kollox u għalhekk Sarah tirringrazzja lil Katia u f'qalbha tibda tgħid kemm Katia għandha qalbha tajba. Iżda sfortunatament, dan il-lapes mhux veru jkun ta' Katia. Din tkun serqitu mingħand xi ħaddieħor u tmur tagħtih lil Sarah biex teħel hi.

- Taħseb li Katia kienet tħobbha bil-verità lil Sarah?
- Tassew li kellha qalbha tajba Katia?
- Kif taħseb li tħossha Sarah kieku ssir taf il-verità?
- X'tagħlima nieħdu? (ix-xewqat li jkun hemm f'moħħna u f'qalbna huma aktar importanti minn dak li jidher minn barra)